MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 7/2007

**Dylan Mallia**

**vs**

**Bargain Holidays**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Frar, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-21 ta' Awissu 2006 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) rapprezentanti prezz ta' titjira diretta bir-ritorn Malta/Leedsbradford/Malta u spejjez ohra.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditti intimati, kif ukoll tal-partijiet kjamati in kawza, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtara biljetti ta' l-ajru ghal titjira diretta bir-ritorn Malta/Leedsbradford/Malta. Minn Malta t-titjira marret East Midlands u l-vjagg ma setax jitkompla minhabba xi hsara li garrab l-ajruplan. Il-vjagg tkompla bil-coach u fil-fatt wasal tard.

L-intimat issottometta illi t-titjira telqet minn Malta u waslet East Midlands kif previst. Fl-airport irrizulta illi l-ajruplan garrab xi hsarat u wara certu hin il-vjagg tkompla lejn Leeds bil-coach.

It-Tribunal jinnota illi kien hemm hsara fl-ajruplan.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte stante li kien hemm dewmien tort tal-hsara fl-ajruplan u ghaldaqstant jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Minn din is-sentenza appellaw id-ditta intimata u Britishjet.com li talbu li din tigi revokata u annullata ghal motivi ta' aggravji li jsostnu l-allegazzjoni li gie kommess ksur tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* fil-konfront taghhom. Fil-qosor huma jadducu s-segwenti:-

(1) Qatt ma gew mgharrfa li l-appellat istitwixxa proceduri per avviz Numru 187/06;

(2) It-Tribunal lanqas semma fid-decizjoni li gew kjamati in kawza Britishjet.com u s-socjeta` assikuratrici Citadel Insurance p. l. c.;

(3) Ix-xhieda ma nstemghux bil-gurament;

(4) It-Tribunal naqas li jassikura li r-rikorrenti ottemperaw ruhhom mad-dispost ta' l-Artikolu 32 (4) tal-Kapitolu 378;

(5) Ma thallwex jipprezentaw id-difiza taghhom bazata fuq ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja, senjatament, ir-Regolament 261/2004;

Kif taraha din il-Qorti fi procedimenti quddiem tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, is-sentenza pronunzjata trid fil-minimu tikkontjeni dan li gej:-

(i) L-indikazzjoni tal-partijiet fil-proceduri;

(ii) Esposizzjoni konciza tal-fatti tal-process;

(iii) Esposizzjoni tal-motivi tad-dritt fejn jokkorri;

(iv) Il-motivazzjoni, anke jekk mhux necessarjament wahda elaborata;

(v) Id-dispositiv;

Fil-kaz in diskussjoni ezami anke superficjali tas-sentenza appellata juri li din tikkontjeni zbalji u ommissjonijiet:-

(i) In-numru ta' l-Avviz hu indikat bhala 187/06 meta suppost kellu jkun 186/06;

(ii) L-okkju tas-sentenza ma jaghmel ebda referenza ghal persuni kjamati fil-kawza - Britishjet.com u Citadel Insurance p. l. c. - bid-digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Novembru 2006. Ara verbal ta' l-atti a fol. 8;

(iii) Il-motivazzjoni l-ghala l-"intimat" kellu jitqies responsabbli hi ghal kollox mankanti;

Fil-konsiderazzjoni tal-punt (1) huwa sew ovvju li l-izball fin-numru ta' l-Avviz fit-test tas-sentenza huwa merament *lapsus calami* jew zball materjali ta' ftit importanza li ma ghandux ghaldaqhekk jitqies motiv ta' nullita meta mill-

kuntest tas-sentenza jirrizulta bi kjarezza sufficjenti liema kawza u vertenza kienet qed tigi aggudikata;

Fil-kaz tat-tieni punt il-qaghda hi ferm differenti. L-ommessa jew inezatta indikazzjoni tal-partijiet jew ta' whud minnhom tipproduci nullita tas-sentenza nnifsiha in kwantu turi li l-kontradittorju mhux regolarment kostitwit, jew ghallanqas tingenera incertezza dwar is-suggetti in kawza ghal liema d-decizjoni tirreferi. In propozitu huwa pacifikament akkolt illi "dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita` tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubbju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat" ("**Louise Ann Sultana -vs- Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 14 ta' April 1997 u "**Joseph Sant -vs- Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**", Appell, 23 ta' April 2001);

Jikkonsegwi minn din l-enuncjazzjoni illi una volta milqugha mit-Tribunal it-talba ghall-kjamata in kawza tas-socjetajiet aktar 'il fuq imsemmija, dawn ukoll kellhom jikkonfiguraw bhala partijiet fl-okkju tal-kawza, u mhux sempliciment b' menzjoni fil-korp tas-sentenza. Kif saput, l-imsejhin fil-kawza huma partijiet fiha, daqslikieku kienu konvenuti mill-bidunett u la dan huwa hekk, is-sentenza moghtija fil-gudizzju ghandha jkollha l-effett ta' gudikat anke fl-interess tal-persuni kjamati. Ara **Kollez. Vol. XVI P I p 117**; **Vol. XXIX P I p 768** u **Vol. XXXII P II p 151**);

Kif osservat *supra* fis-silta riprodotta din l-ommissjoni jew inezatta indikazzjoni tal-partijiet kollha fl-okkju tista' tigi rettifikata. B' danakollu, ukoll jekk sollevabbli *ex officio*, il-korrezzjoni ta' dan l-"izball" ma tistax issir minn din il-Qorti,

lanqas in virtu ta’ l-Artikolu 175 (2) tal-Kapitolu 12, in kwantu l-awtorita` korrettiva ta’ din il-Qorti ma testendix ruhha sas-sentenza li tkun appellata quddiemha. Ara “**Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo *nomine***”, Appell, 28 ta’ Frar 1997. Dik il-korrezzjoni tista’ ssir biss mit-tribunal li emana s-sentenza. Ara l-istess sentenzi s’ issa citati u dawk l-ohra fl-ismijiet “**Francesco Busuttil -vs- Giuseppe Tanti Bellotti *et***”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju 1952, u “**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**”, Appell, 19 ta’ April 1999;

Jekk trid il-Qorti tista’ tieqaf hawn. Thoss pero` li jkun ghaqli li jigi mfakkar illi, ukoll fi process kwazi-gudizzjarju, il-partijiet in kawza ghandhom dejjem, anke jekk mhux b’ mod approfondit, jinghataw almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li wasslet lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu. Dan mhux biss rigwardat mill-punto di vista tar-regola bazika tal-gustizzja naturali *audi alteram partem* imma wkoll mill-vizjoni tad-dritt ekwitattiv u tal-gustizzja sostanzjali li jippreciza l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 378 ghall-aggudikazzjoni tal-mertu mit-Tribunal. Ara “**George Vella -vs- Paul Fenech Furniture & Doors Manufacturer**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 19 ta’ Mejju 2004.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed thassar u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal, bl-ispejjez fic-cirkustanzi jitbatew ugwalment mill-partijiet. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeciedi *ex novo* l-kwestjoni skond il-ligi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------